# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 2022**

**Rikors numru: 32/2021 BS**

**MG**

**-vs-**

**AG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' MG illi ppremetta:**

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata fis-7 ta' Ġunju 1992 u dan iż-żwieġ ġie debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku – Għawdex u jġib in-numru progressiv 47/1992 (vide l-estratt relattiv hawn anness u mmarkat **Dok. A**);

2. Illi dan iż-żwieġ tkisser irremedjabbilment snin ilu, u l-partijiet bdew jgħixu separatament minn xulxin u kienu *de facto*

separati b'effett mit-12 ta' Frar 2007. Minn dakinhar 'il quddiem ma kienx hemm rikonċiljazzjoni;

3. Illi minn dan iż-żwieġ twieled tifel u senjatament AG illi llum huwa maġġorenni;

4. Illi l-kontendenti kienu mbagħad effettivament isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali tad-19 ta' Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Maria Grima (vide kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok B**), hekk kif emendat b'att ieħor tal-istess Nutar tal-10 ta' Mejju 2016 (vide kopja annessa u mmarkata bħala **Dok C**);

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-partijiet li jistgħu b'xi mod ixekklu lill-esponenti milli jipproċedi b'din l-istanza;

7. Illi għaldaqstant il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

8. Illi l-esponenti jixtieq u jrid li jottjeni l-ħall taż-żwieġ tiegħu minn mal-intimata.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

(2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku relattiv bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat,

u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

**Rat ir-risposta ta' AG illi eċċeppiet:**

1. Illi hija ma taqbilx mal-prinċipji tad-divorzju elenkati mill-atturi iżda ma topponiex għat-talba tad-divorzju salv illi qabel jinħareg id-divorzju bejn il-partijiet tiġi riżolta l-kundizzjoni li hemm fil-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet u ċjoè illi l-attur jikkancella l-ipoteka li hemm fis-seħħ fuq il-propjetà li ġiet assenjata lill-esponenti sabiex il-propjetà tiġi libera u franka;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni illi ż-żwieġ tagħha mal-attur MG jiġi maħlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi hija m'għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż involuti;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attur qed titlob lil din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejnu u bejn l-eks sieħba tiegħu.

Bil-ġurament tiegħu fir-rikors imsemmi l-attur jikkonferma illi il-partijiet ilhom *de facto* separati sa mill-2007. Minn dak inhar sal-ġurnata tal-lum ma rrikonċiljawx. Jgħid ukoll li il-kuntratt ta' separazzjoni sar fid-19 ta' Settembru, 2013 u sussegwentement ġie emendat fl-10 ta' Mejju, 2016.

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieled tifel li llum huwa maġġorenni. Jgħid li ma hemm l-ebda ostaklu sabiex it-talba tiegħu tiġi akkolta.

Il-Qorti rat ukoll ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022, fejn il-konvenuta ddikjarat illi l-kuntratt imsemmi minnha fir-risposta ġuramentata ġie ppubblikat u li ma kienx hemm ipoteki fuq il-fond li ġie trasferit.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenuta fir-risposta tagħha ma toġġezzjonax għat-talba tal-attur però tgħid li ma għandhiex tħallas l-ebda spejjeż.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur